# FIL-QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, il-Ġimgħa, 10 ta' Jannar, 2025

**Kawża Nru. 4**

**Rik. Nru. 70/2024 ISB**

**Meeting Point Malta Limited (C 41046)**

**Vs**

**X**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**rikors** tas-soċjeta' **Meeting Point Malta Limited,** tad-9 ta' Lulju 2024, li permezz tiegħu hija talbet lill-Qorti sabiex:

*(i) Tordna illi s-soċjetà Meeting Point Malta Limited (C 41406) tiġi xjolta u konsegwentement stralċjata minn din l-Onorabbli Qorti abbazi tal-Art. 214(1) (a) tal-Att;*

*(ii) Taħtar likwidatur sabiex jieħdu f'idejh l-istralċ tas-soċjetà rikorrenti skont il-liġi; u*

*(iii) Tagħti kull provvediment ieħor li jidhrilha xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.*

U dan wara li ppermettiet:

1. *Illi dan ir-rikors qed jiġi ppreżentat ai termini ta' Artikolu 218(1)(a) tal-Att dwar il-Kumpaniji (Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta) (l-"**Att**") permezz ta' liema qiegħed jintalab ix-xoljiment u l-istralċ konsegwenzali bil-qorti tas-soċjetà rikorrenti skont l-Artikolu 214(1)(a) tal-Att, wara riżoluzzjoni straordinarja tal-istess soċjetà, kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. MPM 1'.*

2. *Illi is-soċjetà rikorrenti hija soċjetà b'responsabbiltà limitata li ġiet imwaqqfa f'Malta fit- 28 ta' Marzu, 2007. Kopja tal-istatut, taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni u taċ-ċertifikat tat- tibdil fl-isem tal- kumpanija tar-rikorrenti huma hawn annessi u mmarkati bħala 'Dok. MPM 2', 'Dok. MPM 3' u 'Dok. MPM 4' rispettivament.*

3. *Illi s-soċjeta' rikorrenti tifforma parti mill- grupp ta' kumpaniji bl-isem FTI Group, liema grupp, permezz ta' numru ta' kumpaniji mwaqqfin f'diversi pajjiżi madwar id- dinja, jopera bħala operatur tal- ġiti u jopera diversi lukandi u destination management companies madwar id- dinja.*

4. *Illi s-soċjeta' rikorrenti topera bħala operatur tal- vjaġġi u dan l- operat jinkludi: l- bejgħ ta' package holidays barra minn Malta lil aġenti tall- ivvjaġġar liċenzjati; il- manniġġar ta' numru ta' turisti li jidħlu f' Malta; il- koordinazzjoni u ftehim ma' proprjetarji ta' lukandi u appartamenti għall- provvediment ta' akkommodazzjoni; u l– kooordinazzjoni u ftehim ma' aġenti tall- ivjaġġar liċenzjati f'Malta għall- organiżżazzjoni ta' ġiti, trasport u servizzi relatati matul il- vakanza ta' tali turisti f' Malta.*

5. *Illi fis- 6 ta' Ġunju 2024, l- imsemmi FTI Group ħabbar, permezz ta' press release ippubblikat fuq is- sit elektroniku tiegħu, li l- parent company tal- imsemmi FTI Group, bl- isem FTI Touristik GmbH, kumpanija mwaqqfa fil- Ġermanja bin-numru tar- registrazzjoni DE129351305, bdiet il- proċeduri odjerni ghall- insolvenza skont il- liġi applikabbli fit- 3 ta' Ġunju 2024, kopja ta' liema press release hija hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. MPM 5'.*

6. *Illi l- aħbar tal- insolvenza tal- imsemmija FTI Touristik GmbH ma kienx mistenni mid- diretturi tas- soċjeta' rikorrenti u dan għaliex fl-aħħar disa' xhur qabel il- prezentazzjoni ta' din ir-rikors l- imsemmi FTI Group dejjem ta' l-impressjoni lis-soċjeta' rikorrenti li l- FTI Group tinsab f' qagħda finanzjarja pożittiva.*

7. *Illi aktar minn disgħin fil- mija tan-negozju tas- soċjeta' rikorrenti jiddependi fuq l-imsemmi FTI Group u għalhekk, il-fornituri tas- soċjeta rikorrenti qiegħdin jirrifjutaw jipprovdu iktar servizzi lis- socjeta rikorrenti u klijenti terzi ikkommunikaw mas- soċjeta' rikorrenti sabiex ikkanċellaw il- prenotazzjonijiet futuri.*

8. *Illi waqt laqgħa tal- Bord tad- Diretturi tas- soċjeta' rikorrenti fis- 6 ta' Ġunju 2024, id- diretturi ħadu deċizjoni sabiex is-soċjeta rikorrenti tiddikjara l-impjegati kollha tagħha, b'total ta' sitta u tletin (36) impjegat, redundant u biex tipproċedi f'dan ir-rigward ai termini tal- ligi.*

9. *Illi d-diretturi tas-soċjeta' rikorrenti sejħu laqgħa straordinarja tal-azzjonist tar-rikorrenti permezz ta' konvokazzjoni datata 20 ta' Ġunju, 2024 kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. MPM 6'.*

10. *Illi waqt laqgħa tal- Bord tad- Diretturi tas- soċjeta rikorrenti fl-24 ta' Ġunju 2024, id- diretturi rrevedew il- pożizzjoni u qagħda finanzjarja tas- soċjeta' rikorrenti sabiex jiddeterminaw x'passi għandhom jieħdu sabiex tigi ttrattata s-sitwazzjoni, u waslu ghall- konklużjoni li s- soċjeta' rikorrenti ma tistax tħallas id-djun tagħha, u għalhekk, id- diretturi rrakkomandaw lill-*

*azzjonist tas- soċjeta rikorrenti sabiex jgħaddi riżoluzzjoni staordinarja ghall- istralċ u xoljiment tas- soċjeta rikorrenti.*

11. *Illi fil-laqgħa straordinarja tal-azzjonijist tar-rikorrenti, ġie riżolt illi l-kumpanija Meeting Point Malta Limited għandha xxolji u tkun stralċjata mill-qorti ai termini tal-Art 214(1)(a) tal-Att u li s-soċjeta' rikorrenti għandha tippreżenta dan ir-rikors u titlob ix-xoljiment u l-konsegwenzjali stralċ tagħha ai termini tal-Art 218(1)(a) tal-Att.*
12. *Illi s-soċjeta rikorrenti tat l-avviż speċifikat fl-Art 265(1) lir-Registrar tal-Kumpaniji kif mitlub mill-Art 214(6) tal-Att, kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata 'Dok. MPM 7' u l-irċevuta ta' liem hija hawn annessa bħala 'Dok. MPM 8'.*
13. *Illi l-ħtiiġijiet tal-Art. 218(1)(a) ġew imharsa kollha u għalhekk huwa sottomess illi l-Qorti tista' tilqa' dan ir-rikors ai termini tal-Art 219(2) tal-Att.*

Rat id-**dokumenti** li kienu ppreżentati mar-rikors (Dok MPM1 sa Dok MPM8) (fol 4 sa fol 21).

Rat id-**digriet** tagħha tat-18 ta' Lulju 2024, minn fejn jirriżulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tat-23 ta' Settembru 2024 fil-11:00 a.m.

Rat in-nota tas-soċjeta' rikorrenti tat-30 ta' Lulju 2024 (fol 23) li permezz tagħha nfurmat lill-Qorti li ma għandhiex affidavits u dokumenti ulterjuri xi tressaq.

Rat in-nota tas-soċjeta' rikorrenti tad-9 t'Awwissu 2024 (fol 27) li pemezz tagħha nfurmat lill-Qorti li nbidel l-indirizz tal-uffiċju reġistrat tal-kumpanija.

Rat ir-rikorsi ta' diversi kredituri magħmula ai termini tal-Artikolu 218(6) tal-KAP 386 u d-digrieti relattivi.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inkluż mill-provi mressqa.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi dan huwa proċediment li ttieħed mis-soċjeta' rikorrenti ai termini tal-Artikoli **214(1)(a) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta**.

Illi mid-dokumenti ppreżentanti jirriżulta li s-soċjeta' rikorrenti ġiet kostitwita bħala kumpanija ta' responsabilita` limitata fit-28 ta' Marzu 2007 bin-numru uffiċjali C 41046, bħala parti minn grupp ta' kumpaniji, bl-isem FTI Group, liema grupp jopera bħala operatur tal-ġiti u jopera diversi lukandi u *destination management companies*, fejn il-kumpanija rikorrenti kienet topera bħala operatur tal-vjaġġi.

Fir-rikors promotur, is-soċjeta' rikorrenti tispjega li l-imsemmi FTI Group fis-6 ta' Ġunju 2024 ħabbar li s-soċjeta' omm tal-imsemmi FTI Group u ċioe FTI Touristik GmbH, kumpanija mwaqqfa fil-Ġermanja bin-numru ta' reġistrazzjoni DE129351305 bdiet proċeduri ta' insolvenza. B'konsegwenza ta' dan, il-fornituri tas-soċjeta' rikorrenti qegħdin jirrifjutaw li jipprovdu iktar servizzi lis-soċjeta' rikorrenti stante li n-negozju tal-istess soċjeta' jiddependi fuq FTI Group. Tgħid li dan wassal ukoll għat-terminazzjoni tal-impjiegi.

Jirriżulta li fil-25 ta' Ġunju 2024, (vide Dok MPM1) saret laqgħa straordinarja f'liema laqgħa ġie riżolt illi l-kumpanija tiġi xjolta u stralċjata permezz tal-Qorti.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti **<u>fatti</u>**:

Illi **s-soċjeta' rikorrenti** ppreżentat is-segwenti dokumenti, li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom:

- **Dok MPM 1** - Kopja tar-Risoluzzjoni Straordinarja tal-Membri tas-soċjeta' rikorrenti datata 25 ta' Ġunju 2024. Il-Qorti tosserva partikolarment is-segwenti:

  *"**IT WAS RESOLVED:***

  *i. **THAT** having considered the matters discussed during the Meeting and the recommendation of the Board of Directors in extensive details, the Company be dissolved and consequently*

*by wound up by the court in terms of Artilce 214(1)(a) of the Companies Act, Chaptr 386 of the Laws of Malta (the "Act").*

*ii. **THAT** any one (1) director of the Company be fully authorised to take any and all necessary action required of him under the Act to give effect to any of these resolutions, including, inter alia, signing and delivering the statutory Notice of Dissolution (Form B1) to the Registrar of Companies at the Malta Business Registry for registration, within the statutory time limit prescribed in Article 265(1) of the Act."*

- **Dok MPM 2** - Kopja tal-Memorandum u Artikoli tal-Assoċjazzjoni tas-soċjeta' rikorrenti Meeting Point Malta Limited.
- **Dok MPM 3** - Kopja taċ-Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni tal-kumpanija rikorrenti, dak iż-żmien magħrufa bħala FTI Services Malta Limited
- **Dok MPM 4** – Kopja taċ-Ċertifikat li juri li l-isem tas-soċjeta' rikorrenti fit-18 ta' Frar 2011 ġie mibdul għal Meeting Point Malta Limited.
- **Dok MPM 5** – Kopja tal-*Press Release* li permezz tagħha sar magħruf li s-soċjeta' estera FTI Touristik GmbH bdiet il-proċeduri t'insolvenza.
- **Dok MPM 6** – Kopja tal-Aġenda tal-Laqgħa Straordinarja tal-Membri tal-kumpanija rikorrenti li saret fil-25 ta' Ġunju 2024.
- **Dok MPM 7** – Kopja tal-Avviż ai termini tal-Artikolu 265(1) mibgħut lir-Reġistratur tal-Kumpaniji fit-28 ta' Ġunju 2024.
- **Dok MPM 8** – Kopja ta' riċevuta maħruġa mill-*Malta Business Registry* bid-deskrizzjoni *Liquidation Fee*.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Id-disposizzjoni tal-KAP 386 li abbażi tagħha hija msejsa din il-proċedura huwa l-**Artiklu 214(1)(a)**, li jipprovdi hekk:

> *Kumpanija xxolji u konsegwentement tiġi stralċjata fil-każijiet li ġejjin –*
>
> *(a) il-kumpanija tirriżolvi b'riżoluzzjoni straordinarja li l-kumpanija għandha xxolji u tkun stralċjata mill-qorti*

L**-Art. 218(1) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta** jgħid espressament hekk:

> *Talba lill-qorti (aktar 'il quddiem imsejħa "rikors għal stralċ") għal*
>
> *(a) stralċ ta' kumpanija mill-qorti skont l-artikolu 214(1)(a);*
>
> *(b) xoljiment u stralċ ta' kumpanija mill-qorti skont l-artikolu 214(2)(a); jew*
>
> *(ċ) xoljiment u stralċ ta' kumpanija skont l-artikolu 214(2)(b),*
>
> *għandha ssir b'rikors li jista' jsir jew mill-kumpanija wara deċiżjoni tallaqgħa ġenerali jew mill-bord tad-diretturi tagħha jew minn xi detentur ta' obbligazzjoni, kreditur jew kredituri, jew minn xi kontributorju jew kontributorji:*
>
> *Iżda rikors skont il-paragrafi (b) jew (ċ) jista' wkoll isir minn xi azzjonist jew direttur tal-kumpanija.*

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi r-riżoluzzjoni straordinarja meħuda fil-25 ta' Ġunju 2024, flimkien mar-rikors promotur jispjegaw b'mod ċar u inekwivoku d-deċiżjoni li l-kumpanija *de quo* tiġi xolta u stralċjata.

Wara li fliet id-dokumenti esebiti u r-rekwiżiti legali kollha, din il-Qorti hija tal-fehma illi r-riżoluzzjoni straordinarja saret u saret għal raġunijiet leġittimi fiċ-ċirkostanzi partikolari li tinsab fihom il-kumpannija.

Oltre` minn hekk, ladarba r-riżoluzzjoni hija valida, u din il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni għaliex tiddubita minn dan, din il-Qorti

m'għandha l-ebda diskrezzjoni li tirrifjuta li takkorda t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti għall-provvediment ta' stralċ.

**GHALDAQSTANT**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati, jidhrilha illi ġew sodisfatti l-voti tal-liġi sabiex tkun tista` tgħaddi sabiex takkolja t-talbiet tar-rikorrenti u tenut kont tal-assjem ta` fatti u ċirkostanzi li jirrizultaha l-Qorti, din il-Qorti qegħda:

1. **Tordna** illi s-soċjeta` **Meeting Point Malta Limited (C 41046)** tiġi xjolta u konsegwentament stralċjata a bażi tal-Artikoli 214(1)(a) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta u dana b'effett mill-25 ta' Ġunju 2024 ai termini tal-Artikolu 223(1) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. **Konsegwentament, tinnomina u taħtar stralċjarju** tas-soċjeta' **Meeting Point Malta Limited (C 41046)** lir-**Ricevitur Uffiċjali** u tagħti lill-istralċjarju s-setgħat u d-dmirijiet kollha li huma previsti fil-Kap 386 tal-Liġijiet ta` Malta, fosthom illi:

   a) Wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qagħda tal-kumpannija de quo, ai termini tal-Artiklu 226 tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, jagħmel rapport lill-Qorti ai termini talAartiklu 227 tal-istess KAP 386,

   b) Jagħmel il-verifiki kollha neċessarji u opportuni dwar l-assi u d-djun tal-kumpannija de quo u jekk ikun il-każ, jirraporta dwar il-gradwazzjoni tad-djun.

   c) Jieħu taħt il-kustodja u l-kontroll tiegħu kwalsiasi assi illi talvolta l-kumpannija **Meeting Point Malta Limited (C 41046)** jista' għandha, u dan ai termini tal-Artiklu 237 tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

   d) Jagħmel u jiddefendi kwalsiasi azzjoni jew proċeduri legali fl-isem u l-interess tal-kumpannija de quo.

   e) Jirrelata dwar il-miżuri meħtieġa għall-ħarsien ta' kwalsiasi assi li l-kumpannija jista' għandha.

3. **Tordna** lill-istralċjarju sabiex jippreżenta rapport tal-ħidma tiegħu sa qabel l-udjenza li jmiss.

4. **Tordna** li l-ispejjeż u drittijiet kollha naxxenti minn dan il-proċediment, inklużi l-ispejjeż kollha tal-istralċ kompriżi l-ispejjeż u d-drittijiet tal-istralċjarju, għandhom jitħallsu mis-soċjeta' rikorrenti.

**Finalment, il-Qorti qed tordna illi mingħajr dewmien ir-Reġistratur tal-Qrati jgħaddi kopja legali ta' din id-deċiżjoni lir-Riċevitur Uffiċjali u lir-Reġistratur tal-Kumpaniji.**

| | |
|---|---|
| **Ian Spiteri Bailey** | **Amanda Cassar** |
| **Onor. Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |